StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**

**1.** It-test li jinqara.

**2.** Il-karta tal-mistoqsijiet.

**3.** Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-istorja ***Meta n-Nannu Mar Jistad***.<br>▪ Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>▪ Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>▪ Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **5 minuti** |
| **5** | ▪ Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu [illegible] | **3 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Meta n-Nannu mar Jistad

## *L-Ewwel Parti*

Darba waħda n-nannu Ġuż niżel fuq il-blat biex jistad. Kif wasal fuq il-blat, rama l-qasba, waħħal dudu mas-sunnara, u beda jistenna sakemm forsi jmissu. Dam sagħtejn bl-istess dudu mas-sunnara. Donnu dakinhar il-ħut ma riedx jaf.

Fid-daqqa u l-ħin ix-xlief beda jistira u l-qasba bdiet tirtogħod. In-nannu, li kien kważi raqad bil-qasba f'idu, stenbaħ u tella' l-qasba f'salt. Imma xi jtella' jtella'? In-nannu feraħ tgħidx kemm għax żgur li did-darba kien qabad xi balena!

Wara xi nofs siegħa jissara mal-qasba, in-nannu rnexxielu jressaq dak il-ġgant lejn il-blat. U bl-aħħar tqanżiħa ħa nifs 'il ġewwa, għalaq għajnejh u ġibed 'il fuq b'kemm kellu qawwa. Il-ħuta rħiet is-saħħa tagħha u n-nannu waqa' bil-qasba b'kollox għal dahru fuq il-blat.

"Irnexxieli!" feraħ in-nannu. U hekk kif fetaħ għajnejh u fittex il-ħuta li kien qabad sab li, flok balena, mas-sunnara kien hemm daqsxejn ta' ħuta ċkejkna kollha kuluri.

"Din x'ħuta hi?" gerger in-nannu. "Dak il-ġbid kollu għal din id-daqsxejn ta' żibġa?! Insomma! Aħjar mix-xejn, hux?" reġa' gedwed f'qalbu n-nannu ftit imdejjaq.

## *It-Tieni Parti*

Hekk kif in-nannu qala' l-ħuta mis-sunnara, u kien se jitfagħha ġol-barmil, din f'daqqa waħda kellmitu u b'leħen irqiq qaltlu: "Isma' ħi! Inti se titfagħni hawn ġew lili? Mela mhux qed tarani kemm jien żgħira?!" In-nannu Ġuż tħawwad għax qatt qabel ma kien sema' ħuta tkellmu.

"Isma' x'se ngħidlek," reġgħet il-ħuta. "Jekk mhux se terġa' tpoġġini fil-baħar, se nibdlek fi żrinġ!"

In-nannu aktar tħawwad xħin sema' dan. Imma lanqas laħaq fetaħ ħalqu li fid-daqqa u l-ħin ma sabx ruħu żgħir, aħdar u b'erba' saqajn.

Tgħidx x'qatgħa ħadet in-nanna xħin niżlet ħdejn Ġużi tagħha u ħdejn il-qasba ma kien hemm ħadd ħlief żrinġ. U dak il-ħin ma bdiet tisma' xejn ħlief, "Krokk! Krokk! Krokk!"

Ma nafx x'għamel in-nannu biex jerġa' jsir raġel. Imma minn dakinhar kien ħa t-tagħlima li meta jaqbad xi ħuta żgħira jitfagħha mill-ewwel fil-baħar!

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Istudenti

| IL-MARKA |
|---|
| ______ 15 |

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Meta n-Nannu Mar Jistad

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

## L-Ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | In-nannu Ġuż niżel fuq il-blat biex | | joqgħod jixxemmex |
| | | | ilaħlaħ saqajh fil-baħar |
| | | | jistad |
| | | | jiekol biċċa ħobż biż-żejt |
| | | | |
| **2.** | In-nannu | | qabad ħuta mill-ewwel |
| | | | ma kellux aptit jistad |
| | | | ma setax jaqbad ħut |
| | | | bidel id-dudu tas-sunnara |
| | | | |
| **3.** | In-nannu ħaseb li qabad | | ħuta żgħira |
| | | | ħuta tas-soltu |
| | | | balena |
| | | | żrinġ |
| | | | |
| **4.** | Il-ħuta li qabad kellha ħafna | | kuluri |
| | | | xagħar |
| | | | snien |
| | | | swaba' |
| | | | |
| **5.** | Meta n-nannu ra x'ħuta qabad huwa ħassu | | li għandu jmur jistrieħ |
| | | | ferħan se jtir |
| | | | ftit imdejjaq |
| | | | li ma kellux jerġa' jistad |
| | | | |
| **6. *** | "In-nannu dam nofs siegħa jissara mal-qasba" tfisser | | ma setax itella' l-ħuta |
| | | | beda jkellem lill-qasba |
| | | | beda jiċċaċċra mal-qasba |
| | | | ma setax jisserja |
| | | | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | In-nannu qala' l-ħuta minn mas-sunnara biex jitfagħha | | ġol-barmil |
| | | | fil-baħar |
| | | | ġo kaxxa |
| | | | fuq il-blat |
| | | | |
| **8.** | Malli l-ħuta bdiet tkellem lin-nannu, dan | | kellimha lura |
| | | | beda jieħu pjaċir |
| | | | ħarab |
| | | | tħawwad |
| | | | |
| **9.** | Wara li kellmitu l-ħuta n-nannu | | inbidel fi żringġ |
| | | | mar id-dar |
| | | | kompla jistad |
| | | | kiel torta tal-lampuki |
| | | | |
| **10.** | In-nannu wieġeb lin-nanna bil-lingwa | | taċ-Ċiniżi |
| | | | tal-Maltin |
| | | | taż-żrinġijiet |
| | | | tal-baleni |
| | | | |
| **11. *** | "Fid-daqqa u l-ħin" tfisser | | f'daqqa waħda |
| | | | bdew idoqqu t-trombi |
| | | | sar il-ħin |
| | | | tar il-ħin |
| | | | |
| **12. *** | It-tagħlima tal-istorja hija li ħuta żgħira | | m'għandhiex togħma tajba |
| | | | ma fihiex ħafna laħam |
| | | | għandek tħalliha tgħix |
| | | | għandha ħafna xewk |
| | | | |

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ...
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-klassi:** ________

| Il-Marki | Il-Fehim mis-Smigħ | Il-Kitba | | IT-TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| | ___ 20 | ___ 80 | | ___ 100 |

**Rimarki speċjali mill-għalliema:**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb l-isem u l-kunjom, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Aqra sew l-istorja**

# Avventura fuq il-Baħar

StudentBounty.com

Jien il-kaptan ta’ waħda mil-laneċ tal-Armata Maltija li tieħu ħsieb l-ibħra Maltin naħdem hekk għal dawn l-aħħar sitt snin. Il-baħar inħobbu ħafna, kemm meta jkun kalm kif ukoll meta jkun imqalleb. Togħġobni r-riħa friska tiegħu. L-hena tiegħi meta minn fuq il-lanċa nkun nista’ nara x-xeni ta’ Malta. Xi ġmiel il-Port il-Kbir, is-swar, l-irdumijiet, il-Gżejjer ta’ San Pawl, Filfla u Kemmuna! **(par. 1)**

Xogħli fuq il-baħar huwa li nsalva n-nies li jsibu ruħhom f’diffikultajiet. Barra dan, xogħli nara li Malta u Għawdex ikunu meħlusa mill-kriminali ta’ fuq il-baħar. **(par. 2)**

Ftit taż-żmien ilu jien u xi ħbieb oħrajn konna fuq kajjikk ta’ ħabib tiegħi. Ma kontx fuq xogħol. Morna biex niġbdu ritratti tad-dniefel. Kemm nieħu pjaċir meta nkun fuq il-baħar mal-ħbieb! Hekk inkun qed nistrieħ. **(par. 3)**

Irnexxielna niġbdu ritratti sbieħ, mhux biss tad-dniefel qed jaqbżu fuq wiċċ il-baħar iżda wkoll ta’ fkieren u anki ta’ bram kbir. **(par. 4)**

Meta konna deħlin lura Malta ġratilna biċċa. Kont qed inħares bit-tromba meta f’daqqa waħda lmaħt lanċa li kienet qed tarmi ż-żejt fil-baħar minn tankijiet kbar. Dak il-ħin ftakart fid-dniefel u fil-ħut l-ieħor li miskin kien se jiġi vvalenat. Dik kienet xena orribbli u għalhekk bla telf ta’ żmien dawwarna l-kajjikk lejn il-lanċa u b’kemm kelli saħħa bdejt ngħajjat: “Ħej hemmhekk! Ieqfu! Ieqfu issa stess!” **(par. 5)**

Imma kif tal-lanċa rawna, irmew it-tankijiet il-baħar, xegħlu l-muturi u ħarbu. Aħna ppruvajna mmorru warajhom iżda l-lanċa tagħhom kienet b’saħħitha wisq u fi ftit tal-ħin sparixxiet wara l-orizzont. Imma ma laħqux għaddew ħames minuti li ma rajniex ġejjin <u>b’kemm għandhom saħħa</u> ħelikopter u lanċa oħra tal-Armata Maltija. Għax malli rajt li mhux se nilħquhom qbadt u ċempilt lil tat-Turretta. **(par. 6)**

L-għada fil-gazzetta kien hemm miktub li mhux talli kienu qed jarmu żejt maħmuġ fil-baħar minn fuq dik il-lanċa, iżda talli kienu wkoll qed jagħmlu kuntrabandu ta’ televixins. **(par. 7)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**A. Aqra, ifhem u wieġeb il-mistoqsijiet. Ikteb sentenzi b'Malti tajjeb.**

StudentBounty.com

**1.** Liema minn dawn huma **tweġibiet tajbin**? Immarka ✓ fil-kaxxi t-tajbin biss.

**a.** Il-kaptan iħobb il-baħar fis-sajf biss. ☐

**b.** Minn fuq il-lanċa l-kaptan jara xeni ta' Malta. ☐

**ċ.** Il-kajjikk huwa ta' ħabib tal-kaptan. ☐

**d.** Ġibdu ritratti tad-dniefel biss. ☐ **(marka)**

**2.** Spjega x'inhuwa x-xogħol tal-kaptan. **(par. 2)**

____________________________________________________________

________________________________________________________ **(2 marki)**

**3.** Għaliex il-kaptan ftakar fid-dniefel u l-ħut l-ieħor meta ra lil tal-lanċa qed jarmu ż-żejt fil-baħar? **(par. 5)**

________________________________________________________ **(marka)**

**4.** X'għamlu tal-lanċa malli indunaw li xi ħadd kien rahom? **(par. 6)**

________________________________________________________ **(marka)**

**5.** X'għamel il-kaptan malli fehem li huma ma kinux se jilħquhom bil-kajjikk? **(par. 6)**

________________________________________________________ **(marka)**

**6.** Taħseb li s-suldati Maltin qabdu lill-kriminali tal-lanċa? Kif taf? **(par. 7)**

____________________________________________________________

________________________________________________________ **(2 marki)**

**7.** X'kienu qed jagħmlu l-kriminali barra li jarmu ż-żejt fil-baħar? **(par. 7)**

________________________________________________________ **(marka)**

**8.** Taqbel mal-isem tal-istorja li qrajt? Agħti raġuni biex tispejga għaliex.

____________________________________________________________

________________________________________________________ **(2 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**9.** Mill-istorja ***Avventura fuq il-Baħar*** sib **kelma oħra** li tfisser:

**a.** gost **(par. 3)** ______________________

**b.** nirrilassa **(par. 3)** ______________________

**ċ.** kerha ħafna **(par. 5)** ______________________

**d.** għebet **(par. 6)** ______________________

**e.** xefaq **(par.6)** ______________________ **(5 marki)**

**10.** X'tifhem biha **"b'kemm għandhom saħħa"** fl-istorja li għadek kemm qrajt? **(par. 6)**

__________________________________________________________________ **(2 marki)**

**11.** Għal min **qed jirreferu** dawn il-kelmiet? Aqta' sing taħt it-tajba.

**a.** Togħġobni r-riħa friska **tiegħu**. **(par. 1)**

għall-baħar **JEW** għall-kajjikk **JEW** għaż-żejt

**b.** L-hena **tiegħi (par. 1)**

għall-Armata **JEW** għall-kaptan **JEW** għall-ħabib

**(2 marki)**

**12.** Aqta' sing taħt il-kelma **li ma taqbilx** mal-oħrajn f'kull linja. Żomm f'moħħok il-baħar. L-ewwel waħda hija lesta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **a.** | balena | denfil | **<u>kelb</u>** | pixxispad | mazzun |
| **b.** | vapur | lanċa | kajjikk | dingi | magna |
| **ċ.** | minestra | inċova | torta tal-lampuki | tonn taż-żejt | aljotta |
| **d.** | malja | kutra | ballun | xugaman | umbrella |
| **e.** | ċagħaq | blat | tarmak | ramel | ġebel |
| **f.** | kalm | oħxon | ċar | imqalleb | maħmuġ |

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Daħħal l-artiklu f'din is-silta fuq l-ewwel tas-sena Ċiniża. L-ew... da hija lesta.**



Jien u ħija **ż-żgħir** konna ____ **dar** qegħdin infittxu fuq ____ **internet** dwar ____ **festi** Ċiniżi. Ħija sab li l-ewwel tas-sena Ċiniża hija ____ **iktar** festa popolari. Tista' tiġi bejn _____ **21** ta' Jannar u ____ **20** ta' Frar. Issa mmorru ngħidu lill-mamà u lill-papà biex _____ **Sibt** li ġej joħduna nieklu ikel Ċiniż!

"Tridx ngħidulhom biex immorru nieklu ____ **Ċina** stess?"

**(8 marki)**



**Ċ. Aqta' sing taħt it-tajba. L-ewwel waħda hija lesta.**

- **a.** Id-dubbien għandu **(ħames / ħamsin)** għajnejn. **(5)**
- **b.** Il-gurilli jorqdu **(erbatax-il / erbatax il-)** siegħa kuljum. **(14)**
- **ċ.** Serp kobra jista' joqtol **(tnejn u ħamsin / ħamsa u għoxrin)** persuna b'daqsxejn velenu biss. **(25)**
- **d.** L-ikbar brama li qatt instabet kellha s-swaba' twal **(sitta u tletin / tlieta u sittin)** metru. **(36)**
- **e.** Tiġieġa tbid **(mitejn u tletin / tliet mija u tletin)** bajda kull sena. **(230)**
- **f.** L-iljunfant ixomm l-ilma minn **(tliet / tlett)** mili bogħod. **(3)**
- **ġ.** Nemusa għandha **(seba' u erbgħin / sebgħa u erbgħin)** sinna. **(47)**

**(6 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. Imla l-vojt. L-ewwel waħda hija lesta.**



*Id-Dinja Tagħna* huwa l-isem ta' programm ġdid fuq it-televixin. Waqt il-programm aħna **naqraw** **(minn *naqra*)** bil-Malti, _______________ **(minn *inkanta*)** kanzunetti, _______________ **(minn *nitkellem*)** ma' tfal li jiġu jżuruna, u _______________ **(minn *nagħmel*)** kompetizzjonijiet. Għax ma _______________ **(minn *tiġi*)** inti wkoll?

Mela _______________ **(minn *ċempel lilna*)** issa stess! Nisperaw li _______________ **(minn *narak*)**!

**(6 marki)**

**E. Imla l-vojt skont dak li hemm fil-parentesi.**

Bħala rigal għal għeluq _______________ **(kelma waħda għal *is-snin tiegħi*)** l-ġenituri tiegħi tawni ġerwa. Jien kont ferħan ħafna għax il-_______________ **(il-plural ta' *kelb*)** inħobbhom ħafna.



Illum Linda għandha seba' xhur. Missieri bnielha kamra _______________ **(kelma waħda għal *iktar kbira*)** milli għandha l-_______________ **(is-singular ta' *qtates*)**. Jien nagħtiha ilma frisk u ikel _______________ **(daħħal aġġettiv)** għax inkella tibda _______________ **(verb mill-għerq *g-r-g-r*)**. Kull nhar ta' Sibt naħsilha u wara mmorru nimxu _______________ **(nom minn *nimxu*)** qalb ir-raba'.

Lil Linda għallimtha titla' fuq saqajha ta' wara u _______________ **(verb mill-għerq *f-t-ħ*)** il-bieb. Meta noħroġ mal-familja nħalluha għassa mad-dar. Imma hi _______________ **(in-negattiv ta' *tħobb*)** toqgħod waħedha.

Linda hija l-fessuda tagħna. Tgħidx kemm inħobbha u hija _______________ **(kelma waħda għal *tħobb lili*)** ħafna wkoll.

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**<u>F. Aqta’ sing taħt l-aħjar espressjoni. L-ewwel waħda hija lesta.</u>**

**1.** Id-dar taz-ziju Sandro nbniet xi tliet mitt sena ilu, u kulħadd jgħidlu li hija ta’

**<u>żmien żemżem</u>** **minn żniedu** **nofs leħja**

**2.** Claire saret ma tkellem lil ħadd, qisha

**tellerita** **mummja** **qanżħa**

**3.** Christopher huwa ħabib ta’ veru, u jien nafdah

**b’għajnejja miftuħa** **b’sebgħi f’ħalqi** **b’għajnejja magħluqa**

**4.** In-nanna tgħidx kemm tfaħħarni. Għandha

**lanżita għalija** **bokka bija** **idha iebsa għalija**

**(3 marki)**

**<u>Ġ. Ikteb ittra qasira b’Malti sabiħ lill-għalliem li kellek din is-sena biex tgħidlu grazzi talli għallmek.</u>**

**Għażiż Sur Portelli,**



**Dejjem tiegħek,**

**J. Borg**

**(7 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**G. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb komponiment [...] var 120 kelma fuq wieħed minn dawn. Immarka liema titlu se tagħżel.**

**1. Immaġina li inti u l-ħbieb tiegħek mortu passiġġata fil-kampanja, smajtu [...] qawwi u rajtu xi ħaġa nieżla mis-sema ...**

*X'kien dak il-ħoss? X'kien nieżel mis-sema? X'għamiltu?*

**2. Immaġina li inti siġra f'nofs ta' pjazza.**

*X'tara? X'taħseb?X'tixtieq tagħmel?*

**3. Jien u Jeremy konna qed inħaffru fil-ġnien u sibna injama kbira! Malli qlajna din l-injama minn ġol-ħamrija sibna ħofra oħra, u fiha kien hemm taraġ …**

*X'għamiltu? Fejn kien iwassal it-taraġ? X'kienet din il-ħofra? X'sibtu fiha?*

**4. Il-ġurnata tas-Sibt.**

*Fi x'ħin tqum? X'toqgħod tagħmel? Tistudja? Għandek xi passatempi?*

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

– Tmiem il-Karta –

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers